



2023/2414

26.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2414

tal-25 ta' Ottubru 2023

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1441 dwar arranġamenti dettaljati għat-twertiq ta' proċedimenti mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sussidji Barranin,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1441 ⁽²⁾ fiha żball fil-punt 3.1 tal-Anness II li jikkonċerna n-notifiki ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin, li jibdel is-sens tad-dispożizzjoni. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1441 fih ukoll żball in-nota ^(***) tat-Tabella 1 fl-Anness II, li jikkonċerna l-meded li għandhom jintużaw f'dik it-Tabella biex ttiprovdi ħarsa ġenerali lejn it-total smat tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija għal kull pajjiż terz. Dak l-iżball jaffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.
- (3) Għalhekk jenħtieġ, li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1441 jiġi rettifikat skont dan.
- (4) Billi l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2022/2560 li jirrigwardja l-avviż minn qabel jew id-dikjarazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin għandu japplika mit-12 ta' Ottubru 2023 kif previst fl-Artikolu 54(4) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1441 huwa rettifikat kif ġej:

- (1) *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
- (2) fit-Tabella 1, in-nota ^(***) tinbidel b'dan li ġej:

*“(***): Uża l-meded li ġejjin: ‘EUR 4-50 miljun’, ‘EUR > 50-100 miljun’, ‘EUR > 100-500 miljun’, ‘EUR > 500-1 000 miljun’, ‘aktar minn EUR 1 000 miljun’.”*

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1441 tal-10 ta' Lulju 2023 dwar arranġamenti dettaljati għat-twertiq ta' proċedimenti mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 177, 12.7.2023, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
